## 14 ta' Diċembru, 1959

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**George Vella**

*versus*

**Vincenzo Scerri**

**Bżonnijiet tad-Dar — Mandat.**

*Ir-raġel hu responsabbli għad-dejn li tagħmel martu fl-akkwist tal-bżonnijiet tad-dar.*

*Il-fatt li r-raġel ikun jagħti lill-martu l-flus għall-ħajja u għall-bżonnijiet tad-dar, biex tagħmel bihom li trid, juri li hu ħalla f'idejn martu l-ekonomija domestika; mhux biss għal dawk li huma bżonnijiet ordinarji u ta' kuljum, iżda għall-bżonnijiet l-oħra kollha li l-ekonomija tad-dar tirrikjedi; b'mod li jista' jingħad li l-mara għandha l-mandat, jekk mhux espress, almenu taċitu, li taħseb għall-bżonnijiet kollha, anki jekk mhux strettament ordinarji u ta' kuljum. Liema mandat hu rikonoxxut mill-ġurisprudenza tagħna.*

*U jekk ir-raġel qatt ma jkun iddiżapprova x-xiri li kienet tagħmel martu, u qatt ma ddiffida lit-terzi dawr dan ix-xiri, it-terzi huma in bwona fede, u r-raġel ma jistax jirrifjuta li jħallas id-djun ta' martu fuq il-pretest li hu kien jagħtiha l-paga kollha, li kienet biżżejjed għall-bżonnijiet tal-familja. Dan, it-terz ma għandux jaraħ, billi hu qatt ma ġie kostitwit in mala fede.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, billi l-konvenut per mezz ta' martu xtara diversi oġġetti mill-ħanut il-lum eżerċit mill-attur; u billi huwa ħallas diversi akkonti lill-attur, però issa rrifjuta li jħallas il-bilanċ ammontanti għal £18. 12. 2; talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur, bl-imgħax legali minn notifika tal-preżenti, is-somma ta' £18. 12. 2 għal bilanċ tal-prezz ta' oġġetti lilu mibjugħa mill-ħanut fuq imsemmi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta:— (1) illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, jiġifieri illi l-bejgħ sar invalidament, ma għandhiex tiġi aċċettata; (2) u illi l-bilanċ tal-kreditu li jirriżulta favur l-attur hu ta' £16. 16. 2, liema bilanċ il-konvenut hu tenut iħallas;

Illi fid-dibattitu orali l-konvenut baqa' jsostni li hu qatt *ma kien jaf* bl-obligazzjoni assunta minn martu ħlief meta nqalgħet il-kwistjoni odjerna, u li, peress li hu kien jagħtiha flus biżżejjed għall-bżonnijiet tad-dar, huwa mhux responsabbli tad-dejn li martu għamlet;

Illi f'din il-materja, kif josserva Chardon, "il punto che deve essere assodato è la pratica abituale fra i coniugi; *qualunque sia la somma reclamata dal fornitore*, debba essere ammesso costui a provare . . . . che la moglie era solita fare simili compre, e che il marito nulla aveva fatto per avvertire i mercanti che egli disapprovava l'operato della moglie" (Trattato delle Tre Potestà, Potestà Maritale, §89). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza ta' *dawn* il-Qrati (Kollez. XV, 225; u XIX-I-125);

Illi fil-każ tagħna rriżulta, mix-xhieda tal-konvenut u martu (fol. 34 u 37), illi l-konvenut kien jagħti lill-martu l-paga għall-ħajja u għall-bżonnijiet tad-dar, jiġifieri £5. 5. 9 fil-ġimgħa. "biex tagħmel biha li trid". Dan ifisser li hu ħalla f'idejha l-amministrazzjoni domestika, mhux biss *għal dawk li kienu l-bżonnijiet ordinarji u ta' kulljum*, iżda għall-bżonnijiet l-oħra kollha li l-ekonomija tad-dar kienet tirrikjedi. Għalhekk jista' jingħad li Carmela Scerri kellha l-mandat, jekk mhux espress, almenu taċitu, li taħseb għall-bżonnijiet "kollha" tal-familja, anki jekk ma kienux strettament ordinarji u ta' kulljum; u dan il-mandat ta' *żewġha* hu rikonoxxut anki mill-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXVI-I-340; XXIV-I-300). U tant kienet il-fiduċja tal-konvenut fil-mara tiegħu, li ma jidherx li qatt

indaħlilha bl-ebda mod — ħaġa din li tkompli tikkonferma l-figura tal-mandat (Kollez. XXV-I-733 med.) u l-prattika abitwali bejn il-konvenut u martu;

Illi ma ġiex pruvat li l-konvenut qatt iddiżapprova x-xiri li kienet tagħmel il-mara tiegħu, mhux esklużi dawk l-oġġetti li hija xtrat minn għand l-attur; u lanqas ġie pruvat li l-konvenut iddiffida lill-attur dwar dan ix-xiri; u għalhekk l-attur kien "in buona fede", u ma jistax il-lum il-konvenut jirrifjuta li jħallas id-dejn ta' martu fuq il-*pretest li hu kien jagħtiha l-paga kollha, li kienet bizżejjed* għall-bżonnijiet tal-familja. Dan, l-attur, taħt iċ-ċirkustanzi, ma għandux jarah, billi, kif ingħad, hu qatt ma ġie kostitwit in mala fede (Kollez. XXI-II-364; XXVI-I-340; u XXXVIII-I-911);

Illi, konsegwentement, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli, u qegħda tiġi respinta bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Illi, rigward l-ammont tad-dejn, il-perit illikwidah fis-somma ta' £16. 16. 2. Ebda wieħed mill-kontendenti ma għamel oppożizzjoni u l-Qorti, wara li eżaminat il-provi, taqbel mal-likwidazzjoni magħmula mill-perit;

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tal-perizja ġudizzjarja fis-sens fuq miġjub;

*Tilqa' t-talba tal-attur, billi tikkundanna* lill-konvenut iħallaslu s-somma biss ta' £16. 16.2, bl-imgħax legali kif mitluba;

L-ispejjeż, barra dawk ġa deċiżi, jitħallsu mill-kontendenti fil-proporzjon tar-rebħ u t-telf.